MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tal-5 ta' Marzu, 2003

Appell Civili Numru. 2232/1998/1

**Arthur u Frances konjugi Taliana, John u Aida Tortell u Chemalta Ltd**

**vs**

**Godwin Falzon f'ismu proprju u ghad-ditta Falzon & Falzon**

**Il-Qorti,**

Fl-1 ta' Ottubru, 2001 il-Qorti Civili tal-Magistrati ppronunzjat is-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

"Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni in esami li biha l-atturi wara li ppremettew illi l-konvenut pro et noe ppresenta citazzjoni kontra l-atturi pro et noe fil-Qorti tal-Magistrati (Malta) fl-ismijiet "Godwin Falzon f'ismu proprju u ghad-ditta Falzon & Falzon vs

Arthur u Frances konjugi Taliana, John u Aida Tortell u Chemalta Ltd (avviz nru 135/98DS) fejn talab il-Qorti tikkundanna l-atturi pro et noe jhallsu l-ammont ta’ Lm826 flimkien ma’ l-imghax legali rappresentanti “.... drittijiet professjonali u disbursements dovuta lil u inkorsi mill-konvenut pro et noe, inkluza stamp duties imhallsa minnu akkont taghhom, in konnessjoni ma‘ share transfer agreements tat-18 t’April 1995....”; u

Illi l-atturi pro et noe eccepew illi t-talba ghall-hlas tal-konvenut pro et noe hija estinta stante illi ai termini ta’ l-artikolu 2149 sub-inciz (c) tal-kap. 16 tal-ligijiet ta’ Malta l-azzjonijiet ghall-*”drittijiet professjonali u disbursements .... inkluza stamp duties*” jaqghu bi preskrizzjoni bl-eghluq ta’ sentejn; u

Illi fl-15 ta’ Settembru, 1998, il-konvenut pro et noe ipprezenta kapitolu, anness mac-citazzjoni u mmarkat Dok A, ghas-subizzjoni ta’ l-atturi pro et noe fejn talab li “*bil-gurament taghhom l-attur irid jipprova li intkom debituri taghhom skond l-avviz u ghar-ragunijiet indikati fl-istess avviz”* u;

Illi l-kapitolu gie approvat u l-kawza giet differita ghas-sentenza ghat-18 ta’ Settembru, 1998 (Dok B); u

Illi fis-sentenza taghha, annessa mac-citazzjoni u mmarkata Dok C, il-Qorti tal-Magistrati qieset l-imsemmi kapitolu bhala mistqarra mill-konvenuti u konsegwentement, laqghet it-talba tal-konvenut pro et noe u kkundannat l-atturi pro et noe jhallsu lill-konvenut is-somma ta’ Lm826 import ta’ drittijiet professjonali u *disbursements, inkluza stamp duties*; u

Illi s-sentenza applikat il-ligi hazina; u

Illi meta tigi moghtija l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni l-Qorti ghandha d-dmir li tidhol fl-ezami taghha u tiddecidieha b’kap separat ai termini ta’ l-artikolu 730 tal-kap.12 tal-ligijiet ta’ Malta; u

Illi, ai termini ta’ l-artikolu 699 sub-inciz (2) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta’ Malta, il-kapitolu ghandu jigi approvat mill-Qorti u l-Qorti m’hijiex obbligata li tapprovah jekk ikun hemm ragunijiet kuntrarji; u

Illi l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni tirrendi incerta l-prova derivanti mill-kapitolu u tixhet dubju fuq il-portata tal-konfessjoni tal-materja kapitolata u kien jimponi l-obbligu ta’ istruzzjoni aktar ampja; u

Illi meta tigi opposta xi wahda mill-preskrizzjonijiet qosra l-attur jista  jikkumbattiha biss jew billi jaghti l-gurament decisorju jew suppletorju lill-konvenut, jew billi juri li ghal xi motiv legali dik il-preskrizzjoni mhix ammissibbli, jew illi kien hemm sospensjoni jew interruzzjoni taghha; u

Illi ai termini ta’ artikolu 2160 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta, il-gurament decisorju jew suppletorju jikkonsisti f’zewg formoli, cioe’ li ma huwiex debitur jew li ma jiftakarx jekk hallasx; u

Illi ai termini ta’ l-istess artikolu 2160, l-attur m’ghandux dritt jaghzel huwa wahda minn dawn iz-zewg formoli, imma huwa l-konvenut li ghandu jaghzel il-formola stante illi huwa biss jghid jekk hallasx jew li ma jiftakarx jekk id-dejn thallasx; u

Illi l-atturi pro et noe saru jafu bil-fatti li minhabba fihom qeghdin jitolbu r-ritratazzjoni, wara li ghalaq iz-zmien ta’ l-appell.

L-atturi talbu sabiex il-konvenut pro et noe jghid il-ghaliex dina l-Onorabbli Qorti ma ghandhiex:

(1)  thassar is-sentenza ta’ l-Onorabbli Qorti tal-Magistrati moghtija fit-18 ta’ Settembru, 1998, fl-ismijiet “*Godwin Falzon f’ismu proprju u ghad-ditta Falzon & Falzon vs Arthur u Frances konjugi Taliana, John u Aida Tortell u Chemalta Ltd.*” (avviz nru. 135/98 DS) sabiex tigi eventwalment ritrattata stante illi s-sentenza applikat il-ligi hazina billi m’applikatx l-artikoli 2160 tal-kap. 16 u l-

artikolu 699 u 730 tal-kap. 12, u dana a tenur ta’ l-artikolu 811 sub-inciz (e) tal-kap. 12 tal-Ligijiet ta’ Malta; u

(2) tordna li s-sentenza attakkata tigi mismugha mill-gdid fil-mertu; u

(3) konsegwentement, tordna t-twaqqif ta’ l-esekuzzjoni tas-sentenza attakkata.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut pro et noe li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti guramentata minn Arthur Taliana (a fol 2 et seq ibid) li biha l-atturi pro et noe esponew bir-rispett:

(1) Illi l-konvenut pro et noe pprezenta citazzjoni kontra l-atturi pro et noe fil-Qorti tal-Magistrati (Malta) fl-ismjiet “*Godwin Falzon f’ismu proprju u ghad-ditta Falzon & Falzon vs Arthur u Frances konjugi Taliana, John u Aida Tortell u Chemalta Ltd*.” (avviz Nru 135/98 DS) fejn talab il-Qorti tikkundanna l-atturi pro et noe jhallsuh l-ammont ta’ Lm826 flimkien ma‘ l-imghax legali rappresentanti “....*drittijiet professjonali u disbursements dovuta lil u inkorsi mill-konvenut pro et noe, inkluza stamp duties imhallsa minnu akkont taghhom, in konnessjoni ma’ share transfer agreements tat-18 t’April , 1995...*”.

(2) Illi l-atturi pro et noe eccepew illi t-talba ghall-hlas tal-konvenut pro et noe hija estinta stante illi ai termini ta’ l-artikolu 2149 sub-inciz (c) tal-kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta l-azzjonijiet ghall-”*drittijiet professjonali u disbursements ... inkluza stamp duties*” jaqghu bi preskrizzjoni bl-eghluq ta’ sentejn.

(3) Illi fil-15 ta’ Settembru, 1998, il-konvenut pro et noe ipprezenta kapitolu, anness mad-dikjarazzjoni u mmarkat Dok A, ghas-subizzjoni ta’ l-atturi pro et noe fejn talab li “ *bil-gurament taghhom l-attur irid jipprova li intkom debituri taghhom skond l-avviz u ghar-ragunijet indikati fl-istess avviz*”.

(4) Illi l-kapitolu gie approvat u l-kawza giet differita ghas-sentenza ghat-18 ta' Settembru, 1998 (Dok B).

(5) Illi fis-sentenza taghha l-Qorti tal-Magistrati qieset l-imsemmi kapitolu bhala mistqarr mill-konvenuti, u konsegwentement, laqghet it-talba tal-konvenut pro et noe u kkundannat l-atturi pro et noe jhallsu lill-konvenut is-somma ta' Lm826 import ta' drittijiet professjonali u *disbursements*, inkluza *stamp duties*.

(6) Illi s-sentenza applikat il-ligi hazina.

(7) Illi meta tigi moghtija l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni l-Qorti ghandha d-dmir li tidhol fl-ezami taghha u tiddeciediha b'kap separat ai termini ta' l-artikolu 730 tal-kap. 12 tal-Ligijiet tal-Malta.

(8) Illi, ai termini ta' l-artikolu 699 sub-inciz (2) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta, il-kapitolu ghandu jigi approvat mill-Qorti u l-Qorti m'hijiex obbligata li tapprovah jekk ikun hemm ragunijiet kuntrarji.

(9) Illi l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni tirrendi incerta l-prova derivanti mill-kapitolu u tixhet dubju fuq il-portata tal-konfessjoni mal-materja kapitolata u kien jimponi l-obbligu ta' istruzzjoni aktar ampja.

(10) Illi meta tigi opposta xi wahda mill-preskrizzjonijiet qosra l-attur jista' jikkumbattiha biss jew billi jaghti l-gurament decisorju jew suppletorju lill-konvenut, jew billi juri li ghal xi motiv legali dik il-preskrizzjoni mhix ammissibbli, jew illi kien hemm sospensjoni jew interruzzjoni taghha.

(11) Illi, ai termini ta' l-artikolu 2160 tal-kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta, il-gurament decisorju jew suppletorju jikkonsisti f'zewg formoli, cioe' li ma huwiex debitur jew li ma jiftakarx jekk hallasx.

(12) Illi, ai termini ta' l-istess artikolu 2160, l-attur m'ghandux dritt jaghzel huwa wahda minn dawn iz-zewg formoli, imma huwa l-konvenut li ghandu jaghzel il-formola

stante illi huwa biss jghid jekk hallasx jew li ma jiftakarx jekk id-dejn thallasx.

(13) Illi l-atturi pro et noe saru jafu bil-fatti li minhabba fihom qeghdin jitolbu r-ritrattazjoni, wara li ghalaq iz-zmien ta’ l-appell.

Rat l-elenku ta’ dokumenti annessi (fol 4 ibid).

Rat, ukoll, ix-xhieda dikjarati (fol 3 ibid).

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut pro et nomine li biha eccepew (fol 22 ibid):

(1) Illi fl-ewwel lok in-nullita tan-notifika tac-citazzjoni stante li l-Qorti li quddiemha qed issir il-kawza ma gietx indikata kif suppost u n-nullita tal-istess citazzjoni ghall-istess raguni.

(2) Illi subordinatament u fil-mertu, it-talba ghar-ritrattazzjoni hija inammissibbli billi ma jirrikorrux il-kondizzjonijiet preskritti mill-ligi fl-artikolu 812 tal-Kap. 12 ghax il-fatti kollha li fuqhom hija bazata it-talba kienu kollha maghrufa minnufieh lill-atturi f’din il-kawza minn <u>qabel</u> ma ghadda it-terminu tal-appell. Ghalhekk ir-rimedju kontra s-sentenza li qed tigi impunjata kien dak ta’ appell minnha entro t-terminu biex isir tali appell u mhux dak ta’ talba ghar-ritrattazzjoni.

(3) Illi subordinatment u fil-mertu ma hemmx lok ghal ritrattazzjoni ghax il-procedura segwita mill-ewwel Qorti kienet korretta u ma sar ebda zball ta’ ligi jew appplikazzjoni hazina tal-ligi.

(4) Salvi eccezzjonijiet ulterjuri permissibbli skond il-ligi.

Konfermata bil-gurament u li biha l-konvenut pro et noe espona bir-rispett:

1. Illi l-kopja tac-citazzjoni notifikata lilu tindika biss il-kliem “Fil-Qorti tal-Magistrat” u mhux fil-”Qorti tal-Magistrati (Malta)” li hija l-intestatura propja ta’ din l-

Oonorabbli Qorti, u dan igib in-nullita' kemm tan-notifika, kif ukoll tac-citazzjoni originali.

2. Illi hu ovvju li r-rimedju kontra s-sentenza appellata kellu jkun l-intavolar ta' appell normali entro t-terminu stipulat ghall-appell. Jidher li f'dan il-kaz, il-konvenuti, minhabba nonkuranza mhux biss ma dehrux meta gew prezentati l-kapitolu u dak in-nhar tas-sentenza izda lanqas biss taw kaz li inghatat sentenza. Meta skoprew jidher li kien ghaddilhom it-terminu tal-appell u allura irrikkorew ghall-procedura tar-ritrattazzjoni. Din pero' mhux ammissibbli skond l-art. 812 tal-Kap 12 ghax il-punti ta' dritt li fuqhom hu bazat dan il-procediment suppost li kienu maghrufa lill-atturi mill-bidu nett u certament <u>minn qabel ma ghadda t-terminu tal-appell</u>. Ghalhekk l-azzjoni odjerna mhux ammissibbli.

Rat l-atti kollha tal-kawza specjalment dak verbalizzat u indikat fis-seduta tal-17 ta' Jannar 2000 (fol 30, 31 u 32 ibid).

Semghet it-trattazzjoni.

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi, kif jidher a fol 30 tal-atti, l-ewwel eccezzjoni sottomessa mill-konvenut pro et noe giet irtirata waqt li l-partijiet qablu li ma kien sar ebda appell mis-sentenza specifikata fic-citazzjoni in esami.

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi issir referenza, l-ewwel nett, ghal dak risultanti mill-atti annessi u li jirreferu ghas-sentenza, premessa fic-citazzjoni in esami u moghtija fit-18 ta' Settembru, 1998 fl-ismijiet "Godwin Falzon pro et noe vs Arthur Taliana et". Mill-istess atti jidher illi:-

a) Fit-28 ta' Jannar 1998 gie intavolat l-avviz in kwistjoni u li mieghu kien hemm annessi d-dokumenti minn fol 2 sa 11 tal-istess atti.

b) Fit-18 ta' Frar 1998, l-atturi odjerni John u Aida konjugi Tortell kienu ippresentaw nota tal-eccezzjonijiet (fol 14 tal-istess atti) u li biha eccepew, preliminarjament, il-preskrizzjoni ta' sentejn a basi tal-aritkolu 2149 (c) tal-Kapitolu 16 tal-ligijiet ta' Malta. Inoltre b'nota tal-eccezzjonijiet separata sottomossa mill-atturi odjerni Arthur u Frances konjugi Taliana u Chemalta Ltd, giet proposta l-istess eccezzjoni, in forma preliminari.

c) Fis-seduta tat-2 ta' Gunju 1998 (Fol 19 tal-atti citati) xehed Joseph Galea prodott mis-socjeta attrici illum konvenuta liema xhud esebixxa ukoll, xi dokumenti. Hawnhekk il-kawza kienet giet differita mill-Qorti ghall-provi li baqa' ghall-15 ta' Settembru 1998 fil-11.30a.m.

d) F'din is-seduta, il-konvenuti, l-atturi odjerni ".... debitament imsejjha ma dehrux" u b'hekk kien gie presentat "kapitolu li gie approvat mill-Qorti" u konsegwentement "Il-kawza giet differita ghas-subizzjoni tal-konvenuti ghat-18 ta' Settembru 1998" (ara il-verbal relattiv mhux enumerat jew impaginat).

e) Fit-18 ta' Settembru 1998, il-konvenuti, dejjem l-atturi odjerni ma kienux dehru u b'hekk il-kawza giet decisa a basi tal-Kapitolu imsemmi u tan-nuqqas da parti tal-istess konvenuti li jidhru fl-istess seduta.

Ikkunsidrat

Illi, jidher evidenti mill-atti tal-avviz numru 135/98 DS kif hawn fuq esposti li, a konsiderazzjoni tal-Qorti kif presjeduta, kienet giet proposta l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni u kien jinkombi fuq l-istess Qorti sabiex tiddeciedi din l-eccezzjoni b'kap separat. In rigward dan gie ritenut li kien l-obbligu u dmir tal-Qorti li tesamina din l-eccezzjoni "ghaliex il-fatt tal-eccezzjoni kien jirrendi incerta l-prova derevanti mill-kapitolu .... il-kapitolu ghandu jigi approvat mill-Qorti u l-Qorti ma hijiex obligata li tappprovah jekk jkun hemm ragunijet kontrarji" (Francis Portanier vs Spiro Mizzi decisa mill-Qorti tal-Appell Inferjuri fil-11 ta' Jannar 1941 annessa mal-atti odjerni a fol 14) fl-istess sentenza citata jinghad ukoll li "Kien jkun

divers il-kaz kieku fil-kjamata ghas-subizzoni gie mizjud kapitolu fis-sens li l-preskrizzjoni ma kienetx interrota."

Ikkunsidrat

Illi l-Kapitolu citat kien jirreferi biss, ghall-meritu specifikat fl-avviz imsemmi u ma saret ebda domanda in konnessjoni mal-interruzzjoni o meno tal-preskrizzjoni.

Ikkunsidrat

Illi, ma irrizultax li l-fatti li fuqhom hi bazata t-talba in desamina kienu maghrufa lill-atturi odjerni qabel ma skada it-terminu tal-appell (ara l-annessa dikjarazzjoni guramentata paragrafu 13 a fol 3 tal-atti).

Ghal dawn il-motivi il-Qorti filwaqt li tichad it-tieni (2) u t-tielet (3) eccezjonijiet, tilqa' t-talbiet attrici u:

(1) thassar is-sentenza ta' l-Onorabbli Qorti tal-Magistrati moghtija fit-18 ta' Settembru, 1998, fl-ismijiet "*Godwin Falzon f'ismu proprju u ghad-ditta Falzon & Falzon vs Arthur u Frances konjugi Taliana, John u Aida Tortell u Chemalta Ltd.*" (avviz nru. 135/98 DS) sabiex tigi eventwalment ritrattata stante illi s-sentenza applikat il-ligi hazina billi m'applikatx l-artikoli 2160 tal-kap. 16 u l-artikolu 699 u 730 tal-kap. 12, u dana a tenur ta' l-artikolu 811 sub-inciz (e) tal-kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta; u

(2) tordna li s-sentenza attakkata tigi mismugha mill-gdid fil-mertu; u

(3) konsegwentement, tordna t-twaqqif ta' l-esekuzzjoni tas-sentenza attakkata.

Bl-ispejjes riservati."

Minn din is-sentenza appella r-ritrattat f'ismu proprju u ghad-ditta tieghu bl-aggravju illi l-Qorti ta' l-ewwel istanza cahdet leggerment it-tieni eccezzjoni tieghu. Dik relattiva ghal kwestjoni tad-dritt procedurali involuta fl-Artikolu 812 tal-Kap 12.

L-imsemmi Artikolu tal-ligi hekk jipprovdi:-

"*Ir-ritrattazzjoni ta' kawza deciza b'sentenza moghtija minn qorti ta' l-ewwel grad, u li ghaddiet f'gudikat, tista' tinghata wkoll, fuq talba tal-partijiet li jkollhom interess, f'kull wiehed mill-kazijiet imsemmija fl-ahhar artikolu qabel dan, basta li li l-parti tkun giet taf bil-fatti illi minhabba fihom titlob ir-ritrattazzjoni, wara li jkun ghalaq iz-zmien ta' l-appell*".

Qabel ma l-Qorti tghaddi biex tinterpreta l-precitata disposizzjoni tajjeb li jigi mfakkar illi r-rimedju tar-ritrattazzjoni huwa ta' indoli straordinarja (**Vol XXIX pI p798**) u kwindi r-regoli li jiggvernaw dan l-istitut huma ta' interpretazzjoni strettissima (**Vol XLII pI p227**). Kif inghad minn Sir Antonio Micallef fid-decizjoni a **Vol VI pag. 365**, li tirrikapitula l-istorja ta' dan l-istitut, "*non vi e' un caso in cui si contesta la lite ed in cui non si controverta sul senso della legge dei contratti e dei testamenti, e non vi e' un caso in cui la parte soccombente non possa pretendere essere stata a suo danno commesso un'ingustizia*."

Gie osservat pero' f'sentenza recensjuri tal-Qorti Kostituzzjonali illi "*l-istitut tar-ritrattazzjoni jipprovdi rimedju utilissimu ta' revizjoni ta' sentenza finali, bl-iskop li jigu rettifikati certi zbalji specifikati u evidenti f'gudikati u b'hekk tigi evitata miscarriage of justice u tinstab gustizzja sostanzjali ghall-partijiet*." ("**Leonard Muscat et –vs- Onorevoli Prim Ministru**", 31 ta' Lulju 2000).

Intqal b'danakollu dejjem f'din l-istess decizjoni illi "*l-ligi pero' tirrestringi dan ir-rimedju ghal certi ragunijiet biss li huma tassattivament elenkati fil-ligi. Inoltre l-ligi timponi certi kondizzjonijiet ghall-ezercizzju ta' l-istess rimedju li wiehed hu mistenni li josservahom skrupolozament*."

Hekk per ezempju fil-kaz ta' decizjoni, sija jekk moghtija fi grad ta' appell, sija jekk moghtija minn qorti ta' l-ewwel grad, trid tigi osservata 'ad unguem' fit-talba tal-gudizzju tar-ritrattazzjoni z-zewg stadji taghha, jigifieri dawk "*detti dai pratici 'il rescindente' e 'il rescissorio'* " (**Vol XXII pIII**

**p235**). Jekk ma jissemmiex l-ewwel wiehed ma tistax tghaddi ghat-tieni. Din hi kondizzjoni ‘sine qua non’ ta’ dan l-istitut (“**Giuseppe Borg –vs- Maddalena Vella et**”, Appell, Sede Inferjuri, 16 ta’ Marzu, 1977).

Fil-kaz biss ta’ decizjonijiet minn qorti ta’ prim’istanza l-ligi tirrikjedi xi haga ohra. Ir-ritrattand jehtieglu jissodisfa wkoll bhala pre-kondizzjoni ghall-aditu tat-talba tieghu illi hu sar jaf bil-fatti li jintitolawh iressaq it-talba wara li kien skorra z-zmien ta’ l-appell.

Fil-fehma ta’ din il-Qorti l-“fatti” li ghalihom jirreferi l-Art. 812 f’dak il-kuntest ma jirrigwardawx xi wahda mir-“ragunijiet” elenkati fl-Artikolu 811 precedenti. L-ezempju moghti mill-appellati f’para 13 tar-risposta ta’ l-appell taghhom jikkoncerna direttament wahda minn dawk l-istess ragunijiet.

Dak li invece jfissru l-kliem fit-test tal-Art 812 hu dak li l-fatti jridu jipprovaw, u daqstant iehor jikkonvincu, illi r-ritrattand naqas li jappella fiz-zmien utli mid-decizjoni moghtija. Il-“fatti” allura ghandhom konnessjoni intima mal-kwestjoni tal-gheluq taz-zmien ta’ l-appell u mhux mar-raguni innifisha tat-talba tar-ritrattazzjoni.

Din il-prova tal-“fatti” kif mahsuba fit-test tal-ligi hi allura pre-rekwizit addizzjonali u essenzjali u ghandha ssir pre-ordinatament ghar-ritrattazzjoni innifisha fuq ir-“ragunijiet”, jew xi wahda minnhom, specifikati fl-Art. 811.

Meta tinsorgi kwestjoni bhal din il-Qorti ma kellhiex tikkuntenta ruhha bis-semplici generalizzar tal-kliem trasportati mil-ligi fid-dikjarazzjoni akkompanjanti c-citazzjoni. Hekk jidher li gara fil-kaz in ezami bis-semplici riferenza li ghamlet l-ewwel Qorti ghal para 13 tad-Dikjarazzjoni tar-ritrattandi. F’kaz bhal dan is-semplici referenza ma kenitx tibbasta. Il-kwestjoni hi wahda ta’ fatt u allura kien mehtieg li l-parti iggib prova sodisfacenti, konvincenti u univoka illi “hi giet taf bil-fatti” wara li ghalqilha z-zmien ta’ l-appell. Mill-atti processwali f’dan il-kaz din il-prova ma jidherx li saret. Fl-opinjoni ghalhekk

ta' din il-Qorti dan l-aspett legali tal-kaz ma giex valjat sew mill-ewwel Qorti.

Mir-ricerka li ghamlet din il-Qorti jirrizultalha kaz li ma' dak in disamina u fuq l-istess punt ta' ligi hawn trattat ghandu certu xebh. Minnu tista' tinsilet din l-osservazzjoni:-

"*Nella trattazione della causa non si e' preteso che la sentenza fosse stata data in un giorno nel quale la causa non fosse stata messa sulla lista delle cause di quella seduta. Pertanto gli attori dovevano almeno verificare che cosa fosse divenuto della causa ed abrebbero potuto facilmente verificare che la sentenza era stata data in tempo utile per la interposizione dell'appello*". ("**Attilio Crescuoli noe -vs- Negoziante Salvatore Zammit**", Qorti tal-Kummerc, 21 ta' Frar, 1920 a Vol XXIV pIII p780). Effettivament f'din is-sentenza l-Qorti ghaddiet biex teskludi t-talba ghar-ritrattazzjoni fuq il-motiv tan-non kuranza tal-atturi.

Fil-kaz prezenti minn ezami tal-procedura fl-ismijiet inversi, Avviz Numru 135/98/DS, jirrizulta illli l-atturi odjerni kienu wiegbu ghall-avviz fit-18 ta' Frar 1998 fil-kaz tal-konjugi Tortell u fil-5 ta' Marzu 1998 fil-kaz tal-konjugi Taliana u tas-Socjeta' Chemalta Ltd. Ghall-bqija baqghu passivi u naqsu li jidhru f'kull wahda mill-erba' udjenzi li saru. Dan skond ma jirrizulta mill-verbali tal-udjenzi tas-27 ta' Marzu 1998, tat-2 ta' Gunju 1998, tal-15 ta' Settembru 1998, (fejn allura gie prezentat il-kapitolu) u tat-18 ta' Settembru 1998, data li fiha l-kawza giet deciza.

Issa hadd ma jinnega illi d-disposizzjonijiet tal-procedura huma ta' ordni pubbliku u "essenzjalment mizura ta' dixxiplina u ta' sikurezza processwali li mill-osservanza taghhom jibbenefika imbaghad in generali l-andament kif imiss u kif jixraq tas-sistema kollu" ("**Francis T. Gera noe –vs- Edward Camilleri et**", Appell Sede Inferjuri, 14 ta' Frar 1973).

Ma kien hemm xejn ghalhekk x'izomm lill-atturi milli huma wkoll jadoperaw l-ghodod procedurali disponibbli biex isostnu d-difiza taghhom fil-kawza l-ohra. U fuq kollox

biex jinterponu appell formali u fiz-zmien statutorjament utli.

Ma kien hemm xejn x'jipprekludihom milli jaghmlu dan u jsegwu l-kondotta tal-kawza u r-regolarita` tal-proceduri. Hi proprju l-analizi ta' din l-istess kondotta u l-evalwazzjoni tan-nuqqasijiet tal-atturi li qed tircievi attenzjoni f'dan il-kaz. Fuq kollox, jekk dawn in-nuqqasijiet jimportawx l-applikazzjoni tas-sanzjoni stipulata fin-norma procedurali hawn ivestigata.

Oggettivament, minn dak riskontrat fiz-zewg processi jista' jinghad li l-atturi li qed jitolbu r-ritrattazzjoni ma setghux ma kienux jafu bil-fatti li jaghtu lok ghaliha. Anzi hu prezunt li kienu jafu gjaladarba gew notifikati debitament bl-avviz u bis-smiegh tal-kawza; u sahansitra intavolaw noti tal-Eccezzjonijiet. Jekk kienu jafu, jew setghu kienu jafu u, bi ftit attenzjoni, kellhom gharfien ukoll tad-decizjoni allura ma jistghax ragjonevolment jinghad illi huma ma setghux utilment jinqdew mir-rimedju ordinarju tal-appell. F'dawn ic-cirkostanzi hu gust u sewwa li huma ma jkunux jistghu jigu ammessi li jezercitaw ir-rimedju straordinarju tar-ritrattazzjoni. F'kull kaz ukoll l-appellati, li fuqhom kien jinkombi l-oneru, ma ressqu l-ebda prova fuq il-fatti li huma jallegaw li gew a konoxxenza taghhom wara li ghalaq iz-zmien tal-appell.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti qed tilqa' t-tieni eccezzjoni tal-konvenut proprio et nomine u tiddikjara li t-talba tar-ritrattazzjoni pretiza mill-atturi appellati ma tistax tigi ammessa. Konsegwentement tilqa' l-appell u thassar is-sentenza appellata.

Fic-cirkostanzi l-ispejjez taz-zewg istanzi jibqghu bla taxxa bejn il-kontendenti.

--------------------------------TMIEM--------------------------------